# Tifkiriet

## minn Rachel Camilleri

Iż-żmien jaħrab, bħal ħolma,

itir  u jgħib fi sħaba duħħan,

u lilna jħallilna ġrajjiet imdomma,

f'kullana mżewqa ta' tifkiriet.

Tifkiriet bħal tertuqa, b'sensiela ta' ġrajjiet,

hekk ċari f'moħħna jew imċajprin.

Dawk friski friski u oħrajn fil-qiegħ,

li kultant ifeġġu, jiħduna lura fiż-żmien.

Tifkiriet ta' tfulija fid-dar kennija.

Tifkiriet taż-żgħożija bl-imħabba mogħnija.

Tifkiriet imlaħħma bi ħsus u sentimenti.

Tifkiriet li jhennuk, li jdaħħquk, li jbikkuk.

Tifkiriet inisslu demgħat li juru ħsus il-qalb.

Qalb muġugħha li tistabar bit-tifkiriet.

Tifkiriet t'lħna li ma tistax terġa' tisma'.

Tifkiriet ta' tbissim li ma tistax tarġa' tara.

Tifkiriet li jippruvaw jimlew vojt.

Vojt li ma jista' jimtela qatt.